# Drumsticks għal fuq il-barbecue



**Għandek bżonn: (4 persuni)**

8 drumsticks imdaqqsin
Basla u tewma
Ftit żejt taż-żebbuġa
Mgħarfa għasel
Meraq ta' larinġa
Meraq ta' lumija
Kikkra nbid abjad
Nofs kikkra *ketchup*
Ftit bżar u melħ

**Metodu:**

Qatta rqiq il-basla u t-tewma u aqli fi ftit żejt
Żied l-inbid u l-meraq tal-larinġa u l-lumija
Sajjar fuq nar baxx għal madwar ħames minuti
Ħawwar bil-bżar u l-melħ u żied il-*ketchup* u l-għasel
Ferrex din it-taħlita fuq id-drumsticks sagħtejn qabel ma tibda ssajjar
Ixwi d-drumsticks bilmod u kompli ferred it-taħlita waqt li jkunu qed isiru

**Noti:**

Tista tuża din l-istess riċetta billi ssajjar id-drumsticks fil-forn, temperatura 220˚C
Bħala kontorn tista tagħmel 'jacket potato' u nsalata sempliċi bi ħxejjex friski